MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

It-Tlieta, 10 ta' April, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-13:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Martina Cassar – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 35.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

35.1.2 Il-Kunsilliera Carmela Grima ġibdet l-attenzjoni dwar punt numru 34.2.11 tal-minuti nru 34 fejn talbet illi s-sentenza *'Is-Sindku ppreżenta r-riżultat tal-applikazzjoni tar-Restawr li kienet ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex, liema applikazzjoni ġiet rifjutata'* tiġi riveduta għal *'Is-Sindku ppreżenta r-riżultat tal-applikazzjoni tar-Restawr tal-Monument li kienet ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex, liema applikazzjoni ġiet rifjutata'*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

35.1.3 Il-Kunsilliera Carmela Grima żiedet tistaqsi dwar punt numru 34.1.3 tal-minuti nru 34 fejn staqsiet dwar il-parti tal-fondi li jrid joħroġ il-Kunsill mill-allokazzjoni tiegħu għall-proġett li ser isir mill-fondi tal-Ministeru għal Għawdex. Hija qalet li ma taqbilx li l-Kunsill għandu joħroġ il-flus mill-allokazzjoni tiegħu sabiex isir dan il-proġett. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill irid joħroġ l-ispejjeż tal-Perit u l-ispejjeż biex jitranġaw xi mains tal-WSC u dawn ix-xogħolijiet bilfors iridu jsiru għax inkella il-proġett ma jkunx jista' jsir. Il-Kunsilliera qablu mal-ispjegazzjoni tas-Sindku.

35.1.4 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u d-Deputat SE.

## 35.2 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

35.2.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi dwar il-proġett li ssuġġerixxa l-Kunsill sabiex isir vit bir-*reverse osmosis* fil-Pjazza, il-Kunsill kiteb lill-Ministeru għal Għawdex u talbuna *Bill of Quantities*. Kellimna lil Perit Mariella Xuereb pero' qaltilna li ma tistax taċċetta aktar xogħol bħalissa u għalhekk is-Sindku kellem lil Perit Lorainne Cassar sabiex taħdem dwarha. Huwa qal li tkellimna magħha ukoll dwar il-proġett tal-UIF biex nagħmlu upgrade fejn il-momument u l-*parking spaces* fi Triq Ċangura li ser taħdem fuqhom hi ukoll.

35.2.2 Is-Sindku qal li reġgħet kellmitu Pauliana Said sabiex tikri ċ-Child Care Centre. Huwa qal li nfurmaha li hemm il-gwardarobbi u m'hemmx fejn immorru bihom, u li l-post irid jibqa' jiġi użat mill-*handyman* tagħna, iżda hi qalet li lesti li jieħdu l-kamra kif inhi. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel Bye-Law sabiex ikun jista' jiġbor il-flus għal din il-kera.

35.2.3 Ħarġet skema Wifi4EU sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu japplikaw għal Wifi. Il-Kunsill iddiskuta li napplikaw għad-Dwejra. Ġie diskuss li jitqabbad mal-linja tat-telefon taċ-Ċentru tad-Dwejra u jkun mixgħul fil-ħinijiet taċ-Ċentru peress li dak ikun mixgħul mal-generator. Ġie diskuss ukoll li jistgħu jintużaw il-pannelli tal-Kappella. Waqt id-diskussjoni sar suġġeriment li napplikaw għall-Wifi ġewwa l-Playing Field ukoll iżda hemmhekk hemm problema peress li trid titħallas l-ispiża rikurrenti. Għalhekk ġie deċiż li napplikaw għad-Dwejra biss.

## 35.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Il-Kunsillier Franco Buhagiar staqsa x'kien ġara dwar il-website. Is-Sindku wieġbu illi huwa diġa' ltaqa' ma' żewġ kumpaniji u ser jiltaqa' ma' xi ħaddieħor sabiex imbagħad jitqabblu l-kwotazzjonijiet.

## 35.4 Gozo Alive

Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-attivita' li ser issir fil-weekend ta' Gozo Alive ġewwa d-Dwejra tissemma 'Under the Sea'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 35.5 Estensjoni tal-offerta għax-xogħolijiet taħt Miżura 4.3

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill illi l-offerta għax-xogħolijiet taħt Miżura 4.3 kellha tiġi estiża peress li kellhom jingħataw xi *clarifications*.

## 35.6 Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2018

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa rebaħ dan il-premju u għalhekk huwa ta' l-idea li l-Kunsill jerġa' japplika. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 35.7 Ilmenti u Suġġerimenti

35.7.1 Il-Viċi Sindku qal li fil-passaġġ tal-wileġ saru xi xogħolijiet mill-privat u kissru l-konkos tal-passaġġ. Is-Sindku wieġeb li l-aħjar ħaġa tkun li jmorru jaraw fil-post.

35.7.2 Ġiet preżentata kwotazzjoni sabiex jinxtraw *slides* tal-mikroskopju għaċ-Ċentru tad-Dwejra. Ġie deċiż li jinxtraw.

35.7.3 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li kellmu Nenu Grech u qallu li għandu l-ħsieb li forsi tista' ssir forma ta' perspex għal fuq it-tieqa tad-Dwejra. Huwa qal li jaf li jista' jkun hemm problemi ta' permessi tal-PA u anke minħabba maltemp pero' tista' tiġi diskussa.

35.7.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi ser jinxtraw għaxar kotba ta' Nicholas Monsarrat sabiex il-Kunsill ikun jista' jtihom f'xi laqgħat jew attivitajiet. Huwa fakkar lill-Kunsill fl-attivita' li ser issir nhar il-Ġimgħa 11 t'April ġewwa l-iskola.

35.7.5 Daħal ilment illi l-Bus Stop ta' fejn l-iskola qegħda eżatt fejn garaxx tal-privat bil-konsegwenza li x'ħin tieqaf il-karozza tal-linja, din qed tieqaf quddiem dan il-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li nitolbu lil TM sabiex il-bus stop timxi mal-kantuniera l-oħra tal-iskola.

## 35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 35.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-15:15 u ġiet aġġornata għall-10 ta' Mejju 2018 fis-13:30.

Noel Formosa
Sindku

Marianne Sagona
Deputat Segretarju Eżekuttiv